**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**MAĠISTRAT DR. NADIA H. VELLA**
**B.A., LL.D., Dip. Trib. Eccl. Melit.,**

Seduta ta' nhar l-4 ta' Ottubru 2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ryan Vella)**

**vs.**

**Clinton Bugeja Camilleri**
detentur tal-karta tal-identità innumerata 135486M

Każ Numru: **8863/2023**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront ta' Clinton Bugeja Camilleri, ta' 37 sena, iben George u Rita neé Camilleri, imwieled il-Pieta' nhar it-12 ta' Marzu 1986, residenti ġewwa 225, Casa Juve, Triq San Tumas, il-Fgura, detentur tal-karta tal-identità innumerata 135486M

akkużat talli fl-24 ta' Ġunju 2023 għal ħabta ta' 05.15hrs ġewwa Triq Ġulju, San Pawl Il- Baħar:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Sammy Alwakil f' periklu ċar, ikkaġunalu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa liema ħsara hija ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifikat minn Dr. M. Falzon, detentur tan-numru tar-reġistru mediku 4259;

2. U aktar talli volontarjament kiser il-paċi pubblika u/jew l- bon ordni b' għajjat u/jew ġlied;

3. Talli b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħek jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ħsarat fuq iPhone għad-dannu ta' Sammy Alwakil u/jew persuni oħra;

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurtà ta' Sammy Alwakil ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll illi f'każ ta' ħtija, l-akkużat jiġi ordnat iħallas għad-danni kkaġunati minnu għat-termini tal-Artiklu 532A tal-Kapitlu 9;

Rat l-Artikolu 221(1), l-Artikolu 338(dd) u l-Artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-**assenjazzjoni** tal-kawżi u d-doveri ai termini tal-Artikolu 520 tal-Kapitolu 9 tal-Kodiċi Kriminali li daħlu fis-seħħ nhar it-18 ta' Marzu 2024, illi permezz tagħha din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat illi permezz ta' verbal tal-lum stess, il-prosekuzzjoni u d-difiża qablu illi huma qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti kif presjeduta milli terġa tisma' x-xiehda li diġa instemgħet minn din il-Qorti kif diversament presjeduta;

**Provi Prodotti**

Rat id-dokumenti kollha esebiti u cioe ir-rapport tal-Pulizija relattiv[1], l-affidavit ta' PS419 A. Buttigieg[2], l-affidavit tat-tabib Dr. Malcolm Falzon[3], ċertifikat mediku fuq il-persuna ta' Sammy Alwakil[4] fejn huwa ġie ċertifkat li qed ibati minn feriti ħfief salv kumplikazzjonijiet, stima ta' screen ta' iPhone 13[5], sett ta' ritratti tal-ġrieħi sofferti minn Alwakil u tal-aggressur u ta' riċevuta mingħand Spar Buġibba[6].

Semgħet ix-xiehda ta' **Sammy Alwakil**[7], li minnha rriżulta li fl-24 ta' Ġunju 2023, ċirka il-5.00am, kien għadu kemm ħareġ minn supermarket fil-pjazza ta' Buġibba, San Pawl il-Baħar, u ħass lil xi ħadd miexi warajh. Appena dawwar wiċċu dan fajjarlu daqqa ta' ponn ġo wiċċu u tefgħu mal-art. L-aggressur beda jsaqsih biex kienu qegħdin jidħku u filwaqt illi x-xhud beda jipprova jċempel lill-Pulizija, dan tajjarlu l-mobile minn idu. Beda jattakkah biċ-ċwievet tal-karozza. Huwa għaraf lill-imputat bħala l-aggressur tiegħu. Jgħid li attakkah bil-manku ta' mus (li kien magħluq) u kkawżalu l-ġrieħi li jidhru fir-ritratti FM1 FM2 u FM4. Il-mobile kien għadu mkisser sa' dakinhar tax-xiehda. Mistoqsi in kontro-eżami jekk hu kien waddab xi ġebla lill-imoutat, ix-xhud wieġeb li hu kien waddablu tuffieħa li sab mal-art meta waqa' fil-ħamrija.

Semgħet ix-xiehda tal-imputat **Clinton Bugeja Camilleri**[8], illi spjega li dakinhar tal-inċident, huwa kien sejjer lejn ix-xogħol u waqt li kien għaddej minn San Pawl il-Baħar, sema' lil Sammy Alwakil jgħid "Ara dak il-baħnan tat-Tiktok", u għalhekk tefa' l-karozza fil-ġenb u staqsih jekk lilu qattx kien għamillu xi ħaġa. U dan ħarab jiġi għall-faċċata. L-imputat baqa' sejjer għalih biex jara x'kien għamillu lil dan, għalfejn kienu qegħdin jidħku bih, għaliex ħassu fastidjat. Għall-ewwel dana wieġbu "Lilek min kellmek" u mbagħad qabad xi ħaġa f'idu, xi ħaġa iebsa, li l-imputat jgħid li kienet aktarx ġebla u ċertament mhux tuffieħa u waddabha lejh. Malli huwa ħass id-daqqa, qabad iċ-ċwievet tal-karozza u waddabhomlu, iżda ma laqtux. Alwakil beda jgħidlu li ser imur l-Għassa, u huwa qallu li ma kinitx problema. L-imputat jinnega li tah xi daqqa ta' ponn. Jgħid li huwa sofra minn gundalla iżda la mar jagħmel ċertifikat mediku u lanqas irrapporta lill-Pulizija.

[1] Datat 26 ta' Ġunju 2023, bir-referenza 11/POL/3438/2023, fol. 17 tal-proċess;
[2] Fol. 3 tal-proċess;
[3] Fol. 22 tal-proċess;
[4] Fol. 23 tal-proċess;
[5] Fol. 24 tal-proċess;
[6] Ippreżentati taħt ġurament mill-Ispettur Francesco Mizzi fis-seduta tat-28 ta' Ġunju 2024 u mmarkati DOk. FM1 sa FM 4;
[7] Minnu mogħtija nhar it-28 ta' Ġunju 2024, fol. 33 tal-proċess;
[8] Minnu mogħtija nhar it-28 ta' Ġunju 2024, fol. 61 tal-proċess

Semgħet lill-partijiet jirrimettu ruħhom għall-provi prodotti.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti hija tal-fehma illi l-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat sal-grad rikjest mil-liġi. Fl-ewwel lok, il-verżjoni mogħtija mill-parti leża lil din il-Qorti tikkombaċa tajjeb mal-verżjoni li huwa ta lill-Pulizija a tempo vergine, u din il-verżjoni hija korraborata miċ-ċertifikat mediku u mir-ritratti tal-ġrieħi sofferti mill-parti leża. Il-Qorti temmen il-verżjoni mogħtija mill-parti leża (għajr għal meta jgħid li waddab tuffieħa lill-aggressur, għax il-Qorti għadha qatt ma rat siġar tat-tuffieħ fit-toroq Maltin.) Fi kwalunkwe każ, l-allegazzjoni illi l-parte leża waddab oġġett iebes lejn l-aggressur, hija għal kollox infondata. Mhux talli l-imputat ma għamilx rapport tal-inċident u ċertifikat mediku, talli meta sema' l-Pulizija ġejjin fuq il-post wara li ċemplilhom Alwakil, huwa ħarab minn fuq il-post. Ma baqax hemm biex jagħti l-verżjoni tiegħu. M'hemmx dubju illi l-imputat ħassu ffastidjat bil-kliem li qal il-parte leża fis-sens li qal "Ara dak il-baħnan tat-TikTok" iżda dan ma jiġġustifikax l-aġir tal-imputat li niżel għalih mill-karozza, u meta Alwakil ħarablu billi qasam għan-naħa l-oħra tat-triq baqa' jippersisti billi jmur warajh ħalli jieħu s-sodisfazzjon. Ċertament illi l-imputat eċċeda l-limiti tal-provokazzjoni li kkawżalu Alwakil. L-imputat ma jiċħadx li kien hemm dan l-inċident iżda huwa jiċħad li b'xi mod aggredixxa lil Alwakil. Il-provi mandankollu juru mod ieħor.

Rigward id-danni kkawżati fuq il-mobile ta' Alwakil, jirriżulta illi dan il-mobile baqa' funzjonanti, filfatt huwa kien għadu jagħmel użu minnu sa sena wara l-inċident u kien użah dakinhar stess biex ħa r-ritratti tal-aggressur. Madankollu l-iskrijn tal-mobile safa' mkisser, liema skrijn jiswa mitejn u ħamsin Ewro (€250) fil-każ ta' wieħed tal-istess manifattur tal-mobile, iżda mija u sittin Ewro (€160) jekk wieħed jixtri wieħed ta' manifattur ieħor[9]. Il-Qorti tqis li din l-istima hija waħda ġustifikata. Fil-każ in eżami, peress illi l-Qorti m'hijiex edotta mill-istat tal-iskrijn qabel l-inċident u cioe jekk kienx ġdid jew qadim, u jekk kellux diġa xi daqqiet fuqu, hija tal-fehma li dan m'għandux ikun rimpjazzat b'wieħed tal-istess manifattur tal-mobile, iżda b'wieħed ta' manifattur ieħor, illi jiswa inqas.

**Deċide**

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti wara li l-Artikolu 221(1), l-Artikolu 338(dd) u l-Artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **ħati** tal-akkużi

[9] Dawna iċ-ċifri jirriżultaw mill-istima esebita mill-Prosekuzzjoni, fol. 24 tal-proċess;

miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement qiegħda tikkundannah sentejn priġunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal erba' snin mil-lum.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 15(A) u 28H(2) tal-Kodici Kriminali tordna lill-ħati jħallas fi żmien xahar mil-lum is-somma ta' mija u sittin Ewro (€160) lil Sammy Alwakil detentur tal-karta tal-identità bin-numru 432500L. Din l-ordni tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Finalment, il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem sempliċi, ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-import ta' din is-sentenza u x'jiġri jekk l-imputat fi żmien erba' snin jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija, jew ma jħallasx is-somma ta' mija u sittin Ewro (€160) lil Sammy Alwakil fi żmien xahar mil-lum.

**Dr. Nadia H. Vella**
Maġistrat

**Naomi Bonello**
Deputat Reġistratur